**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u> Nru. 02/2014**
***Kienet addottata Aġenda nru. 02/2014***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 22 ta' Lulju 2014**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson**
- **Is-Sinjura Sandra Grech – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Is-Sur Martin Cefai kien assenti u s-Sur Joseph Zammit kien skużat.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. L-GĦELUQ TAL-MENQA U TRIQ IL-PORT

Iċ-Chairperson qalet il-Ministeru għal Għawdex u l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu qed jitolbu biex nassistu fl-identifikazzjoni tar-residenti tal-Menqa u ta' Triq il-Port u qed ikun propost li l-Kunsill joħroġ dikjarazzjonijiet juru r-residenti tal-*front*. Il-Kunsill qabel li għandhom joħorġu dawn id-dikjarazzjonijiet. Is-Sindku qal hu kien ser jieħu parir legali dwar l-iffirmar ta' dawn id-dikjarazzjonijiet.

**<u>MATERJA OĦRA</u>**

**Applikazzjonijiet**

| **għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn** |
|---|---|
| (i) Alexander Axiaq<br>Għal provvista temporanja tal-elettriku biex jarma gabbana tal-ikel fi Triq il-Munġbell mill-25 ta' Lulju sal-1 ta' Ottubru 2014. | Approvata. |
| (ii) Perit Alexander Bigeni – Daniel Pace<br>Biex jarma gabbana tal-ikel fi Triq il-Munġbell. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |
| (iii) Il-Gabbiano Restaurant<br>Għal ikla nhar it-8 ta' Awwissu 2014 taħt it-Triq ta' Santa Marija (it-triq tingħalaq minn fuq). | Approvata. |
| (iv) M & Z Marketing Ltd<br>Għal promozzjoni fit-toroq ta' M' forn nhar il-15 ta' Awwissu 2014. | Approvata. |

Dwar il-bankini li saru fi Triq il-Qbajjar u Triq il-Munġbell, kien maqbul li ssir oġġezzjoni għax-xogħol ordnat li jsir mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għax jekk isiru x-xogħlijiet, ser jintilef il-*parking*.

Dwar il-bankina ta' Triq Santa Marija kantuniera ma Triq ix-Xwejni, il-Kumitat approva għas-spejjeż tiegħu jibdel il-kurduna u jqabbad ħaddiem biex jgħin il-ħaddiema tal-Gvern iferrxu s-siment tal-bankina.

## 3. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fis-6.00 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die.*

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***